

Brussell, 26 ta' Frar 2021
(OR. en)

6471/21

TRANS 95

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	WK 2210/2021
Suġġett:	Dikjarazzjoni ta' Locarno dwar l-iżvilupp tas-sistema ferrovjarja – Awtorizzazzjoni għall-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea – Approvazzjoni tal-istqarrija tal-Kunsill

1. Fit-2 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni infurmat fil-qosor lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art dwar l-iffirmar imminenti tad-"Dikjarazzjoni ta' Locarno dwar l-iżvilupp tas-sistema ferrovjarja" minn tmien Stati Membri (l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u s-Slovenja), l-Iżvizzera u l-Liechtenstein. Din id-Dikjarazzjoni tirreferi għall-importanza tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni internazzjonali biex tgħin fit-trasferiment ta' aktar traffiku transalpin mit-triq għall-ferrovija.
2. Fil-15 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni talbet lill-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tiffirma dik id-Dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea f'nota ta' trażmissjoni għad-Dikjarazzjoni diġà ffirmata mill-għaxar pajjiżi msemmija hawn fuq.
3. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art li saret fis-26 ta' Jannar 2021, għadd ta' delegazzjonijiet qajmu tħassib dwar il-korrettezza tal-proċedura segwita mill-Kummissjoni f'dan il-każ u enfasizzaw li l-kwistjoni ma tressqitx għall-attenzjoni tal-Kunsill fi stadju aktar bikri.

4. B'mod partikolari, fir-rigward tal-proċedura, għandu jittfakkar li, f'Diċembru 2017, is-Segretarji Ġenerali tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ffirmaw Arranġamenti għal strumenti mhux vinkolanti (NBIs) adottati fisem l-Unjoni Ewropea, bħala segwitu għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-660/13.¹ Skont dawk l-arranġamenti, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill biżżejjed minn qabel, permezz ta' nota bil-miktub, bl-intenzjoni li tidħol f'diskussjonijiet biex jittfassal NBI (fażi preparatorja). Fit-tieni stadju, qabel l-adozzjoni jew il-qbil ta' NBI, l-abbozz ta' strument kif maqbul proviżorjament għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill flimkien ma' nota ta' trażmissjoni bil-ħsieb li tiġi żgurata l-awtorizzazzjoni tiegħu.
5. Fir-rigward tad-Dikjarazzjoni ta' Locarno, peress li toħroġ ukoll indirettament min-nota ta' trażmissjoni msemmija hawn fuq ippreżentata mill-Kummissjoni, il-Kunsill ma ġiex infurmat b'nota bil-miktub mill-Kummissjoni fl-istadju tal-fażi preparatorja.
6. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-Arranġamenti ma ġewx rispettati bis-ših, is-setgħa li jiġi vvalutat l-interess tal-Unjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni tiffirma NBIs u, f'dan il-każ partikolari d-Dikjarazzjoni ta' Locarno, fisem l-Unjoni Ewropea, hija fidejn il-Kunsill.
7. Abbażi tad-diskussjoni li saret fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art fis-26 ta' Jannar 2021 u tal-kummenti pprovdu mid-delegazzjonijiet wara dik il-laqgħa, ġie stabbilit li jkun fl-interess tal-Unjoni li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata tiffirma d-Dikjarazzjoni ta' Locarno fisem l-Unjoni Ewropea. Kif indikat ukoll fid-Dikjarazzjoni, huwa madankollu importanti li tiġi enfasizzata n-natura mhux vinkolanti ta' dik id-Dikjarazzjoni u wkoll li din ma tippreġudikax kwalunkwe deċiżjoni futura relatata ma' miżuri finanzjarji jew mal-liġi tal-Unjoni. Jeħtieġ ukoll li tiġi enfasizzata l-importanza tar-rispett tal-Arranġamenti NBI.

¹ Dokument ST 15367/17.

8. Fl-24 ta' Frar 2021, waqt vidjokonferenza informali, il-Presidenza infurmat lill-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art dwar il-kontenut ta' din in-nota (fil-forma ta' abbozz²) u dwar il-passi li jmiss, u ppreżentat abbozz ta' Stqarrija tal-Kunsill dwar il-proċedura. Delegazzjoni waħda biss intervjeniet u għamlet enfasi fuq in-natura mhux vinkolanti tad-Dikjarazzjoni filwaqt li, madankollu, ikkonfermat l-appoġġ tagħha għat-triq 'il quddiem u għall-Istqarrija. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe espressjoni ta' oppożizzjoni, il-Presidenza għalhekk irrikonoxxiet l-appoġġ tad-delegazzjonijiet għall-approċċ u l-perkors proposti tagħha.
9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill, fl-ewwel laqgħa disponibbli tiegħu, huwa mistieden biex:
- jawtorizza lill-Kummissjoni tiffirma, fisem l-Unjoni Ewropea, id-Dikjarazzjoni ta' Locarno annessa li tinsab fid-dokument ST 6471/21 ADD 1; u
 - japprova l-istqarrija tal-Kunsill li takkumpanjaha, kif tinsab fid-dokument ST 6471/21 ADD 2.
-

² Dokument WK 2210/21.